# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Novembru, 2000 .

## Avviz numru : 50/00G2(PC)

**Maltacom plc .**

**VS**

**Teddy Ellis .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija tnejn u sittin lira u tlieta u disghin centezmu (LM862.93), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 563537 (CN-307325) u dan skond kif jirrizulta jirrizulta mill-prospett anness bhala dokument B, ma' l-istess avviz, liema servizz gie installat fil-fond 210, Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex, u dana skond kopja tas-service agreement anness bhala dokument A .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, tat-taxxa VAT fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali kontra l-konvenut sad-data tal-hlas effettiv .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess avviz .**

**Semghet lill-avukat Dr. Grazio Mercieca jikkonferma bil-gurament tieghu, illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghadu sal-lum kollu dovut, u fil-mori tal-kawza li l-konvenut ma ghamel l-ebda pagament, mill-ammont mitlub .**

**Il-Qorti, ghalhekk, u wara li rat ukoll ir-riferta pozittiva ta' l-istess konvenut, liema riferta ggib id-data tas-6 ta' Lulju, 2000, u wara li innutat illi l-istess konvenut imsejjah tlett darbiet naqas illi jattendi ghas-smiegh tal-kawza li kienet giet appuntata ghal-lum stess, u ghal**

**hekk fil-kontumacja ta' l-istess konvenut, billi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tilqa' l-istess talba attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba fl-avviz, u cioe' is-somma ta' tmien mija tnejn u sittin lira maltin, u tlieta u disghin centezmu (LM862.93), kif indikat fl-avviz, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' dan l-avviz, taxxa VAT, fuq id-drittijiet professjonali, u l-imghax legali kollox kontra l-konvenut, u dana sad-data tal-pagament effettiv.**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
Si5000Pc
321